MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 719/2009/1

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili**

**v.**

**Edmond Espedito Mugliette u martu Maria Theresa ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1.1 Dan hu appell interpost mill-konvenut Edmond Espedito Mugliette minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla

tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Gunju 2010, ghal fini ta’ riforma, li fiha dik il-Qorti ddecidiet hekk:
“Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-intimata mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 997 *et sequitur* tal-Kap. 12 tikkundanna lill-intimat sebat ijiem prigunerija u tordnalu jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fuq imsemmija billi jaghmel id-depozitu ordnat fi zmien xahar mil-lum; f’kaz li ma jaghmilx dan tibda tiddekorri ammenda ta' tletin Ewro ghal kulljum li jibqa’ ma jaghmilx dan.

“L-ispejjez tal-kawza a kariku tal-intimat. Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.”

1.2 Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti sejra tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata li fiha gie deciz hekk:

“Il-Qorti;

“Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ Lulju 2009 li permezz tiegħu r-rikorrent ippremetta:

“1. Illi b’sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell datata 27 ta’ Ġunju 2008 hawn esebita u mmarkata Dok. A, il-Qorti kkonfermat sentenza tal-Prim’ Istanza mogħtija fit-2 ta’ Ġunju 2006 illi fiha l-Qorti ordnat lil konvenuti jroddu lura s-somma ta’ erbgħin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm40,500) flimkien mal-imgħax u ordnat illi tali somma titqiegħed fil-Bank of Valletta f’kont ġja’ miftuħ bejn il-partijiet jew ieħor li jista’ jinfetaħ, b’dan illi tali flejjes ma jkunux imbagħad jistgħu jinġibdu jekk mhux bi ftehim bejn il-partijiet jew b’ordni tal-Qorti.

“2. Illi, fit-13 ta’ Ottubru 2008, John Patrick u Mary Carmen Hayman et, bħala werrieta tan-Nutar John Patrick Hayman, ippreżentaw rikors, hawn immarkat Dok. B, illi bih ġabu a konjizzjoni tal-Qorti li, minkejja tali ordni, l-intimati kienu għadhom m’ottemporawx ruħhom mal-ordni tal-Qorti u għalhekk talbu illi jinbdew proċeduri ta’ disprezz kontra l-awtorita’ tal-Qorti;

“3. Illi l-Qorti, fit-3 ta’ April 2009, ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jipproċedi, u dana kif jidher fl-anness Dok. C

“4. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

“Għaldaqstant in vista tas-suespost, jgħidu l-intimati jew min minnhom għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

“1. Issib lill-intimati jew min minnhom ħatja ta’ disprezz kontra l-awtorita’ tagħha *ai termini* tal-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

“2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta’ mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Ewro (€2,330) jew għal multa u priġunerija flimkien;

“3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq lill-intimati jew min minnhom *ai termini* tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom;

“Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni, u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti u l-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati, ippreżentata fl-4 ta’ Novembru 2009, li permezz tagħha eċċepew:

“1. Illi l-intimati m’humiex hatja ta’ ebda disprezz lejn l-awtorita’ ġudizzjarja;

“2. Illi s-sentenza kkundannat lill-intimati illi jħallsu s-somma ta’ Lm40,500 u imgħaxijiet fuq l-istess

mill-21 ta' April, 2001 lil Bank of Valletta plc. Il-kliem *"trodd erbgħin elf lira jew Ewro"* u l-kliem *"ħallas erbgħin elf lira jew Ewro"* huma l-istess;

"3. Illi huwa inkonċepibbli illi persuna li tiġi kkundannata li tonora sentenza ċivili ta' ħlas ta' flus *("di pagare")* tkun qiegħda tisfida jew tiddisprezza l-awtorita' tal-Qorti, u kemm-il darba, dan issa sar possibbli, jfisser illi kull min jiġi dikjarat debitur u li ma jħallasx, jew ma jistax iħallas, fi żmien jumejn mis-sentenza, u anke wara, dan jkun ħati tad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qrati, jiġi mmultat *per diem*, u jintefa' l-ħabs;

"4. Illi l-esekuzzjoni tas-sentenzi monetarji ssir permezz tal-mandati ta' sekwestru, qbid, deskrizzjoni u bejgħ ġudizjarju maħruġa kontra d-debitur. Il-ġurisprudenza tagħna eskludiet minn dawn, l-applikazzjoni tal-mandat *in factum*;

"5. Illi jekk ir-rikorrent ġie ordnat illi jressaq kull debitur f'kawża ċivili għad-disprezz għax naqas illi jħallas il-flus skond kif ġie ordnat, jerġa' jkollna l-ħabsijiet tad-debituri delinkwenti, ħaġa li ġiet imwarrba mis-sistema tagħna u mis-sistemi demokratiċi snin ilu, anke qabel Malta ffirmat l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet;
"6. Illi t-talbiet rikorrenti għandhom miċħuda bl-ispejjeż.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-intimati u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti proċesswali;

"Semgħet ix-xhieda;

"Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2010 illi permezz tiegħu ir-rikors tħalla għas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mressqa mir-rikorrent wara li l-intimat Edmond Mugliette

naqas li jrodd lura is-somma ta’ Lm40,500 kif ordnat mis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta u konfermata mill-Qorti tal-Appell, f’kont fil-Bank of Valletta miftuħ bejn l-istess intimat u l-werrieta tal-mejjet Nutar John Patrick Hayman. Din is-sentenza fil-parti dispożittiva tagħha tgħid:

*““... tordna lill-konvenut irodd is-somma ta’ Lm40,500 flimkien mal-imgħax fuqha ... u tordna wkoll li din is-somma terġa’ titqiegħed minnufih fil-kont bin-numru 115-08584020 mal-Bank of Vallletta p.l.c jew jekk dak il-kont ingħalaq f’kont ieħor f’isem il-konvenut u l-atturi bħala l-werrieta tan-Nutar John Patrick Hayman; b’dan illi l-flus ma għandhomx jinġibdu mill-kont fejn qed jitqegħdu jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew b’ordni tal-Qorti.”*

“M’hemmx dubju li dawn il-flus ma tqegħdux fil-kont in kwistjoni skond ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank imsemmi. L-intimat qed jeċċepixxi li ma jistax jiġi kkundannat għal disprezz tal-Qorti fuq kundanna monetarja.

“Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet “Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina” (25 ta’ Settembru 2003 - JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta:

*““Il-proċedura ta’ disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta’ kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. .. Kif jgħallem Lord Denning, ‘This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (In re Bramblevale Limited – 1970).*

*“Illi minbarra dan xilja ta’ disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b’konsegwenza ta’ hekk l-awtorita’ tagħha.*

*“Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħtia lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta’ dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b’ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta’ Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Ċivili, “Edward Camilleri vs Carmelo Vella” 7 ta’ Ottubru 1997).”*

“Ir-rikorrent għalhekk fil-kawża ma għandu xejn x’jirbah għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – “Il-Qorti vs Camilleri” Vol. LXXIV-iii-546).

“Kif ġia’ ingħad, l-intimat qed isostni li huwa ġie kkundannat biex iħallas somma flus u allura ma japplikawx fil-konfront tiegħu proċeduri ta’ disprezz. Il-Qorti ma taqbilx ma din il-fehma; l-intimat ġie ordnat jerġa’ jpoġġi somma flus f’kont f’ismu stess u f’isem l-atturi bħala werrieta tan-Nutar Hayman. Dan biex eventwalment tiġi deċiża l-appartenenza totali jew parzjali ta’ dak il-kont. Fi kliem ieħor l-intimat ma ġiex ikkundannat iħallas lir-rikorrenti izda jagħmel depożitu fil-kont imsemmi – xi ħaġa li ma għamilx *nonostante* s-sentenza tal-Qorti. Għalhekk ma hemmx kwistjoni li l-intimat għandu jiġi kkundannat għal disprezz tal-awtorita’ tagħha. L-intimata ma ġietx ordnata bħal żewġha bis-sentenza msemmija u allura se tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

“Il-Qorti jidhrilha li min jinjora, kif għamel l-intimat, ordni daqshekk ċara tal-Qorti għandu jiġi punit bil-priġunerija u għalhekk se tapplika din il-piena. Ir-rikorrent għamel ukoll sew li talab l-applikazzjoni tal-artikolu 997 (2) tal-Kap. 12 għaliex huwa ċar li kieku ma jsirx hekk l-intimat jista’ jeludi l-ordni tal-Qorti billi jibqa’ ma jagħmilx dak li ġie ordnat biex jagħmel.

“Għal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tillibera lill-intimata mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat u għalhekk *ai termini* tal-artikoli 997 *et sequitur* tal-Kap. 12 tikkundanna lill-intimat sebat ijiem priġunerija u tordnalu jottompera ruħu mal-ordni tal-Qorti fuq

imsemmija billi jagħmel id-depożitu ordnat fi żmien xahar mill-lum; f'każ li ma jagħmilx dan tibda tiddekorri ammenda ta' tletin Euro għal kull jum li jibqa' ma jagħmilx dan.

"L-ispejjeż tal-kawża a kariku tal-intimat.

"Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija."

**L-appell tal-konvenut**

2.1 Il-konvenut Edmond Espedito Mugliette hassu aggravat bis-sentenza surriferita u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti fejn talab;
"...illi din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata tad-9 ta' Gunju 2010, tal-Prim Istanza, billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-martu mill-osservanza tal-gudizzju, waqt illi joghgobha lil dina l-istess Qorti (sic) thassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza fil-konfront tieghu, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellant Edmond Espedito Mugliette minn kull kundanna ta' prigunerija, multa, ammenda, piena, imputazzjoni jew htija, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

2.2 In succint, l-aggravji tal-konvenut huma dawn:

(i) li l-ewwel Qorti, biex tidderimi l-kwistjoni, strahet fuq gurisprudenza ta' sentenzi li ma jolqtux il-mertu tal-eccezzjonijiet sollevati minnu.

Ir-radd ta' flus jew nuqqas ta' hlas ta' somma flus qatt ma kienu suggett ta' proceduri ghal fini ta' disprezz;

(ii) id-difiza tal-appellant kienet proprju bbazata fuq id-differenza bejn ordni jew sentenza *di fare* minn ohra *di pagare.*

Li wiehed ma jobdix kundanna ta' obbligu kuntrattwali qatt ma jista' jammonta ghal att kriminali jew disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti;

(iii) il-konvenut gie ordnat li “jrodd lura” somma ta’ flus gewwa l-*joint account* tieghu li kellu man-Nutar Hayman. Dan id-depositu m’ghamlux, pero`, ebda prova ma ngabet jekk tali agir kienx sar b’*mens rea*, kif hu rikjest ghas-sejbien ta’ htija kriminali, u dan huwa process kriminali;

(iv) hawn ghandu japplika l-principju ta’ *nullum crimen sine lege*. Id-distinzjoni maghmulha mill-ewwel Qorti bejn ordni li “trodd lura” ghal ordni “biex thallas” ma tezisti mkien. Is-sentenza appellata “tikkostitwixxi deprivazzjoni tal-liberta` tal-appellant fuq bazi arbitrarja u mhux skont ir-ragjonevolezza tal-ligi”;

(v) illi d-debitur ta’ dejn hu tenut li jhallas dak id-debitu u dan l-obbligu ma jinkludix fih is-sanzjoni ta’ disprezz lejn il-Qorti li ddikjaratu debitur. Fil-kaz prezenti hemm pendenti diversi proceduri ohrajn, fosthom proceduri ta’ indole kostituzzjonali.

(vi) l-appellant dejjem qaghad ghall-awtorita` tal-Qorti u dejjem mexa skont il-ligi. Huwa ma fixkel ebda awtorita` jew ufficjal tal-Qorti fl-ezekuzzjoni ta’ xi mandat.

(vii) din hija l-ewwel sentenza li sabet persuna hatja ta’ disprezz ghax ma hallsitx debitu kanonizzat minnhom. Il-gurisprudenza lokali u l-ligi tal-procedura jikkonfortaw pjenament l-aggravji gustifikati tal-appellant.

**<u>Ir-risposta tal-appellat</u>**

3.1 L-appellat Direttur, Qrati Civili u Tribunali wiegeb li s-sentenza appellata timmerita konferma.

3.2 L-appellat wiegeb li l-appellant “baqa’ jisfida u ghadu jisfida sa issa u m’huwiex dispost illi jobdi” l-ordni tal-Qorti sabiex irodd lura li l-flus gewwa kont specifiku. Billi l-ordni skattat minn obbligazzjoni ta’ natura kummercjali “ma jnaqqas xejn” mill-fatt illi l-ordni nghatat u trid tigi rispettata, u dan minkejja li issa gia` ghaddew erba’ (4) snin. L-unika haga evidenti, jghid l-appellat, hija dik li “l-appellant ma kellu ebda biza’ mill-Qrati qabel ma

din ordnat li jittiehed il-habs rizultat (sic) tal-agir disprezzanti tieghu lejn l-Awtorita` tal-Qorti."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4.1 L-appell in ezami huwa straxxiku ta' decizjoni moghtija mill-Qorti tal-appell, diversament komposta, fis-27 ta' Gunju 2008 fil-kawza fl-ismijiet: **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliette et** (Citazzjoni numru 1059/03/GCD, li ddecidiet hekk:

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata – b'dan li issa ovvjament, id-depozitu jrid isir fi flus Ewro ekwivalenti ghal dawk f'Liri Maltin.

"L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti *in solidum*; u peress li din il-Qorti tqis dan l-appell bhala frivolu u vessatorju, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ghal darbtejn, u dan skont l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12."

4.2 Stante li s-sentenza surriferita moghtija mill-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza li kienet inghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili in data tat-2 ta' Gunju 2006, ikun opportun li d-decide ta' dik l-ewwel sentenza tigi riportata wkoll, ghal fini ta' kompletezza. F'dik is-sentenza, l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:

"...wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tordna lill-konvenut irodd lura s-somma ta' erbghin elf u hames mitt Lira (Lm40, 500), flimkien mal-imghax fuqha minn dakinhar meta ngibdet sa dakinhar meta tintradd u bir-rata li tinghata fuq kontijiet *savings*, u tordna wkoll illi din is-somma terga' titqieghed minnufih fil-kont bin-numru 115-0858402-0 mal-Bank of Valletta plc, jew, jekk dak il-kont inghalaq, f'kont iehor f'isem il-konvenut u l-atturi bhala werrieta tan-Nutar John Patrick Hayman, b'dan illi l-flus ma ghandhomx jingibdu mill-kont fejn jitqieghed jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew b'ordni tal-Qorti."

5. Il-pern tal-kwistjoni huwa wiehed car, imqar jekk ir-risoluzzjoni tieghu m'hijiex wahda hafifa. Il-punt principali huwa dan: L-ordni moghtija lill-appellant Mugliette mill-Qorti tal-Appell biex irodd lura billi jiddepozita l-ammont ta' Lm40,500, oltre imghaxijiet, f'kont bankarju kienet tammonta ghal obbligazzjoni *di fare* jew hija invece obbligazzjoni *di dare*? L-appellant isostni li trattandosi hawn ta' pagament fi flus m'hi xejn ghajr ordni/obbligazzjoni *di dare* u mhux xort'ohra. Min-naha l-ohra, ghalkemm fir-risposta tieghu l-appellat Direttur aktar donnu jishaq fuq il-fatt li hawn si tratta ta' ordni tal-Qorti milli fuq in-natura tal-obbligazzjoni *per se* isostni li hija ordni *di fare*. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li d-distinzjoni bejn iz-zewg tipi ta' obbligazzjoni, ghal fini ta' sejbien o meno ta' disprezz, hija wahda rilevanti hafna. Dan hu hekk ghar-raguni li fi proceduri u ezekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet *"di dare"* (bhalma huma hlasijiet ta' flus), dawn huma koperti b'mandati specifici, bhal per ezempju il-mandat ta' qbid u l-mandat ta' sekwestru izda mhux ukoll bil-mandat *in factum,* peress li hawn si tratta ta' dejn civili.

6. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hija tal-fehma illi trattandosi hawn ta' ordni ta' depozitu, ankorke` wahda li tinvolvi ammont pekunarju, it-tezi tal-appellant kif espressa fid-diversi aggravji tieghu m'hijiex fondata. Effettivament, l-appellant, bl-ordni li nghata mill-Qorti, m'hu ser jaghmel ebda pagament imma ser iqieghed lura f'kont bankarju ammont ta' flus sakemm jigi determinat ta' min jappartjeni dan l-ammont. Is-sanzjoni inflitta fis-sentenza tal-ewwel Qorti, wahda ta' prigunerija, tohrog mill-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Artikolu 997 *et sequitur*) u ghalhekk huwa kollu inutli ghall-appellant li jittanta jiddirotta l-binarju u jipprova jdeffes fin-nofs il-Kodici Kriminali.

Huwa minnu li hawn si tratta ta' penali ta' karcerazzjoni imma l-fonti legali ta' din il-procedura temani, kif gia` nghad, mill-Kodici tal-Procedura Civili u mhux dak Kriminali. Barra minn hekk jirrizulta pacifiku li, sal-lum, l-appellant baqa' jistina rasu u jirrezisti l-ordni moghtija mill-Qorti. Hu ghalhekk ukoll inutli li filwaqt li jibqa'

inadempjenti, fl-istess nifs jargumenta li huwa ma jridx jisfida u bl-ebda mod ma kien qieghed jevadi dak li gie ordnat jaghmel mill-Qorti. Kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Registratur Tal-Qrati Superjuri v. Kristinu Giordmaina** tal-25 ta' Settembru 2003, citata wkoll mill-ewwel Qorti, b'riferenza ghall-"intenzjoni" tal-appellant,

"...din l-intenzjoni ma tiddipendix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghtija lilha bhala wiehed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b'ordni iehor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti ohra, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha."

Min-naha l-ohra tajjeb li jigi osservat illi l-appellat Direttur, f'din il-procedura, m'ghandu xejn "x'jirbah" ghajr li jizgura li tigi mharsa l-amministrazzjoni tal-gustizzja – ara wkoll **Il-Qorti v. Antoine R. Camilleri**, ( Koll. Vol LXXIV-III-546) u dan hu hekk ghas-semplici raguni li,

"...l-procediment prezenti huwa stabbilit mil-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni taghha tal-gustizzja."

7. Apparti mis-suespost, li kieku l-appellant ezamina sew is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, kif fuq inghad, kien certament isib fiha risposta ghal kwalsiasi dubju li seta' kellu f'mohhu dwar in-natura tal-ordni imposta fuqu mill-Qorti. Di fatti, *inter alia*, fl-imsemmija sentenza nsibu li gej,

"Fil-fatt, f'dawn il-proceduri, din il-Qorti ma gietx mitluba tiddetermina lil min jappartjenu l-flus, u ghalhekk m'hemmx htiega li jigi determinat min hu l-kredtiur ta' liema sehem jew ta' kollox. <u>Din il-kwistjoni sejra tibqa' impregudikata, u kull ma jista' jigi u qed jigi deciz hu li l-konvenut jpoggi l-flus lura fil-kont, u mhux ihallsu "xi somom lill-atturi</u>."

X X X

"L-atturi, f'dan l-istadju, mhux qed jitolbu li jsir lilhom xi hlas ta' xi ammont ta' flus, izda, bhala persuni altament interessati fil-kont bankarju in kwistjoni, qed jitolbu li dak il-kont jigi ripristinat bil-flus li kien hemm fih qabel ma gew irtirati (piu` imghax) sabiex min jirreklama xi titolu fuq l-istess flus jipprova dan it-titolu in kontradizzjoni tal-legittimu kontradittur, cioe`, dak li jkollu interess jikkontesta dik il-pretensjoni.  Din hi azzjoni legittima, intiza wkoll ghall-preservazzjoni tal-*istatus quo* u biex hadd, minn diversi persuni li jista' jkollhom interess, ma jiehu l-ligi f'idejh u jagixxi unilateralment a skapitu ta' haddiehor."

(Sottolinear maghmul minn din il-Qorti)

Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell ma setghetx tkun aktar cara u esplicita, u kwindi kull kumment addizzjonali minn din il-Qorti, kif illum komposta, ikun superfluwu.

8. Maghdud is-suespost, din il-Qorti pero` hija tal-fehma li ghal dak li jirrigwarda l-imghaxijiet biss, u xejn aktar, il-prezenti procedura ta' disprezz m'ghandhiex tapplika fir-rigward taghhom.  Huwa minnu li l-ammont, fi flus, li talvolta jkun ingemgha fuq il-kapital li ghandu jitqieghed f'kont bankarju, suppost ukoll li jigi depozitat, pero` fil-kaz tal-imghaxijiet ma jistax jinghad li hemm xi radd lura bhalma huwa fil-kaz tad-depozitar tal-kapital. Dan mela jfisser li, fir-rigward biss tal-imghaxijiet, li hawn jezisti element ta' "hrug ta' flus" min-naha tal-appellant, indipendentement jigifieri mill-kapital originali.  Biex il-Qorti ma tinftehimx hazin, hija m'hijiex qeghda tghid li dawn l-interessi m'ghandhomx jinhargu mill-appellant u jitqeghdu in depozitu kif gie ordnat, imma qieghda tghid biss li darba li hemm fihom element addizzjonali ta' obbligazzjoni *"di pagare"* u mhux semplicement dak ta' "radd lura" ta' ammont li dwaru hemm kontestazzjoni dwar it-titlu, allura limitatament ghall-interessi, il-procedura tad-disprezz ma hijiex wahda idoneja jew applikabbli ghalihom ukoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tilqa' biss l-appell tal-appellant konvenut Edmond Espedito Mugliette ghal dak li jirrigwarda l-imghaxijiet li lahqu akkumulaw fuq il-

kapital li ghandu jigi ddepozitat kif ordnat, u f'dan is-sens ghalhekk qeghda tigi riformata s-sentenza appellata, u ghall-bqija qeghda tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti u kwindi qeghda tikkundanna lill-konvenut appellant ghall-piena ta' sebat (7) ijiem prigunerija, *ai termini* tal-Artikolu 997 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordnalu inoltre li jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fuq imsemmija billi jaghmel id-depozitu ordnat fi zmien xahar mil-lum, salvi interessi, u f'kaz li jibqa' ma jottemperax ruhu, tibda tiddekorri ammenda bir-rata ta' tletin (30) Ewro ghal kull jum li huwa jibqa' inadempjenti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata mill-aktar fis lil-Kummissarju tal-Pulizija.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu interament a kariku tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------